# 9. Bejn ix-Xita

***(snapshot mill-għoli)***

Ix-xita hdiet għal ftit, u x-xemx bil-ħeffa
  minn bejn is-sħab li jistor is-smewwiet
  daħħlet id-dawl, u kollox sar ħuġġieġa
            bajda tal-fidda.

Il-baħar deh'r mifrux bi ħrief qabbieża;
  il-bjut u t-toroq bċejjeċ t'aluminju;
  l-għelieqi mbejta saru donnhom iġbla,
            widien, għadajjar.

Is-siġar li ftit ilu tilfu l-weraq
  u l-għana ħlejju tal-bejtiet kennija,
  bħal stejqru u bjadu, saru geġwiġija
            ta' sriep tal-fidda.

U l-Qaws tas-sema feġġ kollu setgħani,
  imżejjen bit-tiżwieq ta' seba' lwien;
  bejn sema u art ried jagħmel għaqda sfiqa
            ta' sebħ u sliem.

Imm' għal ftit biss, għax l-iġfna tal-Provenz,
  - is-sħab xehbiena – nġabru kotranija,
  ħatfulu s-saltna u tefgħu dalma u ħalba
            kbira ta' xita.